MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 583/2001/1

Avviz Nru:-583/01DM

Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Richard Hall sija bil-polza u sija bil-ligi

Vs

John Vella

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta' somma ta' sitt mija u tlieta u sittin lira u disgha u sittin centezmu (Lm663.69,0) jew ammont verjuri li jigi likwidat mill-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, rappresentanti danni sofferti minnhom fl-incident awtomobilistiku tat-13 ta' Awissu 2000 fi Triq Schembri, Hamrun, bejn il-vettura numru BAA 096 misjuqa minnhu u l-vettura numru JPM 001 misjuqa minn Jeanette-Paulette Hall u proprjeta' tal-assikurat

Richard Hall, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluzi Lm10 tal-konsult, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut John Vella fejn eccepixxa illi:

1 L-eccipjenti ma huwiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni liema incident gara minghajr htija tieghu imma unikament tort tal-imperizja, negligenza jew nuqqas ta' harsien tar-regolamenti ta' Jeanette-Paulette Hall, li kienet, fil-mument tal-incident, qieghda ssuq il-vettura JPM 001;
2 Ghalhekk l-eccipjent jitlob li tigi kjamata in kawza Jeanettte-Paulette Hall ta' 16, FL 2 Griffon, Triq Mile End, Hamrun;
3 Bla pregudizzju ghas-suespost, l-atturi ghandhom jaghmlu l-prova tas-surroga;
4 Inoltre, ukoll bla pregudizzju ghas-suespost, l-atturi ghandhom jiggustifikaw id-danni reklamati minnhom;
5 It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-istess atturi;
6 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tal-24 t' Ottubru 2002 fejn il-konvenut iddikjara li l-kontestazzjoni tieghu tirrigwarda esklusivament ir-responsabilita' u mhux il-*quantum* tad-danni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni li grat fi Triq Schembri, il-Hamrun fit-13 ta’ Awissu tas-sena 2000 bejn il-vettura JPM 001 misjuq minn Jeanette-Paulette Hall u l-vettura bir-registrazzjoni BAA 096 misjuqa mill-konvenut li kien provenjenti minn Mountbatten Street u ried jidhol fi Triq Schembri li fiha kienet qed tinsaq il-vettura l-ohra.

Evidentement skond kif inhi l-konfigurazzjoni tat-toroq iz-zewg vetturi ma kellhom qatt ifixklu lill xulxin fil-manuvri li kienu qeghdin jghamlu; dan peress illi l-karreggjata maghzula minn Jeanette Paulette Hall kienet delineata b’linja bajda li kienet thalli bizejjed spazzju fuq in-naha l-ohra taghha biex il-vettura misjuqa mill-konvenut tista’ tidhol go Triq Schembri, il-Hamrun minghajr ma tintralcja l-vetturi li gejjin mid-direzzjoni opposta.

Evidentement billi kien il-konvenut illi kien qieghed jghamel manuvra biex jidhol fit-triq li kienet qeghdha ssuq fiha s-sewwieqa Hall, kien il-konvenut li kien tenut illi juza grad ferm ikbar ta’ attenzjoni biex meta jizbokka fi Triq Schembri ma durx bl-addocc u ma jostakolax xi traffiku illi setgha kien gej f’dik it-triq, anke jekk dak it-traffiku jkun xi ftit spostat fuq in-naha tal-lemin minhabba xi ostakolu li dawk il-vetturi setghu sabu f’dik it-triq.

Mir-ritratti esibiti u mid-deposizzjonijiet tas-sewwieqa, jirrizulta pero’ illi Jeanette-Paulette Hall kienet qedghha zzomm mal-linja tan-nofs ta’ Schembri Street u li l-konvenut, bil-manuvra li ghamel biex dahal go Schembri Street, minghajr raguni valida ma zammx max-xellug tieghu u mal-kantuniera li kien qed idur maghha u ghalhekk meta dahal go Schembri Street sposta ruhu oltre n-nofs tat-triq biex b’hekk saret il-habta.

Minn dawn iz-zewg verzjonijiet jirrizulta illi z-zewg sewwieqa involuti setghu kienu iktar prudenti u kellhom izommu iktar max-xellug taghhom biex il-procediment liberu tat-traffiku fid-direzzjoni opposta, izda billi, kif digia’ nghad, il-grad ta’ attenzjoni u prudenza tal-konvenut kien wisq ikbar minn dik li kellha tuza Jeanette-Paulette Hall, li minn-naha taghha kellha vetturi pparkeggjati fuq ix-xellug,

issib illi huwa l-konvenut li ghandhu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni u ghaldaqstant, billi l-konvenut ma kkontestax il-quantum tad-danni, ssib illi l-konvenut ghandhu jigi tenut unikament responsabbli ghal hlas tas-somma kollha mitluba mill-atturi li giet likwidata fis-somma ta’ Lm663.69 (sitt mija u tlieta u sittin lira Maltin u disa’ u sittin centezmu).

Ghaldaqstant tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni u tikkundannah ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ Lm663.69 (sitt mija u tlieta u sittin lira Maltin u disa’ u sittin centezmu),bl-imghaxijiet legali b’effett mill-15 ta’ Gunju 2001.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut

--------------------------------TMIEM--------------------------------